**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' April, 2019**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 342/2019 AF**

**Elton Mamo**

**vs**

**Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Milena Petrova Dobreva detentrici tal-Passaport Bulgaru 382797144 u karta tal-identità Maltija 0073351A**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Elton Mamo li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, talab lil din il-Qorti zzomm lil Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Milena Petrova Dobreva, milli b'xi mod jiddisponu minn, jew jittrasferixxu taht kwalsiasi titolu u/jew jaghtu jew jikkoncedu kwalsiasi drittijiet kemm ta' natura personali kif ukoll reali lil terzi l-appartament numerat wiehed (1) fil-livelli tal-ewwel u t-tieni pjan (first and second floor level) ta' blokk bini numerat wiehed u sittin (61) u tlieta u sittin (63), accessibbli minn bieb numerat tlieta u sittin (63), drabi ohra riferit bhala sittin (60) u wiehed u sittin (61) gja numerat tnejn u disghin (92) u tlieta u disghin (93), fi Triq il-

Kapuccini, il-Furjana, bl-ghamara li hemm fil-fond, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kolla tieghu.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, fis-seduta tal-1 ta' April 2019, Dr. Keith Borg ta' ruhu b'notifikat bir-rikors ghan-nom tal-assenti Milena Petrova Dobreva.

Rat ir-risposta tal-Avukat Dottor Arthur Azzopardi bhala mandatarju specjali tal-assenti Milena Dobreva, li permezz taghha ghar-ragunijiet imfissra, oppona ghat-talba imressqa mir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti anessi.

Ikkunsidrat illi ll-Art. 873 (1) u (2) tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Huwa mghallem mill-gurisprudenza illi:

> *"Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali ... Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli ... It-tiftix li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghamil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu fil-waqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat" (Charles Mugliett vs Saviour Bonnici: PA, 21.5.2005).*

*"Bil-ligi, jehtieg li r-rikorrent juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak." (Charles Mugliett vs Saviour Bonnici: PA, 21.5.2005).*

Minn dan johrog ghalhekk li kull ezami li taghmel din il-Qorti jasal biss sa dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. L-iskrutinju profond tad-dritt pretiz u d-difiza ghall-istess jibqa' essenzjalment rizervat ghal dik il-Qorti li tigi mghobbija bil-piz li tiddeciedi dwar il-jedd definittivament.

Fil-kaz in ezami, l-Qorti tinsab rinfaccjata b'konvenju li dwaru qieghed jigi allegat l-illecitu. L-ezistenza tal-konvenju tirrizulta mid-dokument. L-ezistenza o meno tal-illecitu tehtieg skrutinju aktar profond milli hija tenuta tezercita l-Qorti fi procedura ta' din ix-xorta. Mad-daqqa t'ghajn, ghalhekk, jidher lil-vot tal-ligi huwa sodisfatt.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba kontenuta fir-rikors ta' Elton Mamo tat-13 ta' Marzu 2019. Tordna lir-Registratur jeffettwa r-registrazzjoni tal-mandat a tenur tal-Art. 874(3).

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.

IMHALLEF